9. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkosantzi, kontra l-ligi u bil-forza ha xi persuni, u cioe' lil ALI MOHAMED MILAD DHAW, First Officer MOHAMED H.M. JUBRAN, SAMEH B. ALFITURI, AIMEN A. ALI BURAGIGA, Mrs. FATMA AB. GDOURAT, Mr. EMAN MOHAMED TAWERGHI, u l-passiggieri Mr ABDALGADER JOUDA, Mr ABDALSALAM MOHAMED, ABDELRAHM ALHARARI, Mr ABDULKARIM ABDULWAHAB, Mr ABDULLAH ABUADI, Mr ABDULLAH AHMED BARKA, Mr ABDULLAH OUMALSAAD MOHAMED, Mr ABDUSSALAM ALTEJARI, Mr ABOBAKER ZAKRIA OMAR, Mr ABUNWARA IBRAHIM, Mr ABUSALAH TALIB, Mr AHMED ABDELRHMAN ABDULLAH, Mr AHMED SAIFALDIN IMHEMED, Mr AHMED SEBANI, Mr AISSA KHALIFA, Mr ALI ABDUSSALAM, Mr ALI AHMED ABDELRHMAN, Mrs ALI HANAWA MEFTAH, Mr ALI MAJED, Mr ALI MOHAMED AMBYA, Mr ALI OMAR SULIMAN, Mr ALNEMER AESAALZAROUG, Mr ALSUGHAIR RASHEED, Mr ALTAHER AHMEED, Mr ALTAHER ARFAT BASHEER, Mr ALZHRA ALAMEEN, Mr ALZYANI ZAKARIA, Mr ANIES MANSOUR, Mr ANWAR ABDULSALAM ATEYA, Mr AOTMAN

EMBARKA, Mr AQIL MUSTAFA OMER, Mr ASEEL AHMED SALEH, Mrs ASMAA MOHAMED ALI, Mr ASUR ALI, Mr SAZIZA ABDALMAJED, Mr BASHIR AUMASAAD, Mr BUSARI ISIMAHILA FEMI, Mr DAKHIL ABDULLAH ALI, Mrs DAKHIL AISHA ALI, MRS DAKHIL FATHIA ALI, MRS DAKHIL HAWA ALI, MRS DOUNYA FATHI ALI, Mr EDRIS HAMD ARHIM MOHAMED, Mr EISAY MAHMOUD, EMAN ABDALSLAM CHD, Mrs EMHMED MABROUKA RMDAN, Mr ESMAIL MOFTAH, Mr FADEL MUHAGER, Mrs FATMA ALI, Mr GHAIDI MOHAMED, Mr GOUMA SALAH, Mr GUDAB AHMED, Mr HAMADE ALI, Mr HAMZA SALIM AHMED, MRS HANYA KHALEFA, Mr HASSAN MOHAMED ALMAHDI, HOUDA ASALHIN ABDULBARE MS, Mr HUSSAIN GULFAM, Mr IBRAHIM AHMED ALI, Mr IBRAHIM ATMUNA, IBRAHIM BASHIR M, Mrs IMHEMED RUQAIYA SALIH, MRS KAWTAR AMER, SANA SALEM, Mrs KERUA ELHARARI, Mrs KHADIJA MOHAMMED, Mr KHALID BERKA, Mr KHALID OMAR, Mrs KHARMA RANIA, MRS KLTOM ALHARARI, MRS MABROUKA ALJELNE, Mr MAHMUD ABDULLAH, Mr MAJED MOHAMED, Mr MILOD IMHEMED ABDULLA, Mr MOATAZ ABDULATI, MR MOFTAH ABAS, Mr MOHAMED ABOUAJILA, Mrs MOHAMED AISHA HAMOUD, Mr MOHAMED ALI ALSNOUSI, Mr MOHAMED DHIAB ALI, MR MOHAMED EMHMED ABDALNABI, MR MOHAMED MUSA, Mr MOHAMED OWAFI, Mr MOHAMED SALAH, Mr MOUFTAH MOHAMED, Mr OMALSAAD MOUSTAFA ALSNOUSI, Mr OTHMAN JBRIL SALEH, Mrs RABYAA IBRAHIM, Mrs RAHMA ABDALMAJED, Mr SAAID AHMED, Mr SALAM AJELI, Mr SALAM MOHAMED, Mr SALEH MOHAMED ALI, Mr SALEM ALI IBRAHIM, SALEM HASAN AHMED ALSHAREF, Mr SALEM MOHAMED, Mr SALIH SALIH IMHEMED, Mrs SEEDA SALAH, Mr SHOUKRI ALI, Mrs SHUHA KANTAFU, Mrs SOYLMA ALI, Mr TAJEDEN EMHEMED, Mr TWATI ALI, Mrs WEDAD ALI, Mr YASIN KASEM, Mr YOUSEF ALI, Mrs ZAHRA KHALIFA, Mrs ZENAB MOHAMED, Mrs Z ENAB SALEH f'pajjiz iehor, u dan bi ksur tal-artikolu 90 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet fis-seduta tal-10 ta' Novembru, 2020.

Ikkunsidrat,

Din il-Qorti hija rinfaccjata b'ammissjoni ghall-akkuzi kollha kif addebitati fil-konfront tieghu u dan meta l-istess akkuzat irregistra ammissjoni quddiem l-Qorti tal-Magistrati nhar l-24 ta' Frar 2020 (fol. 1157) fil-presenza tal-avukat difensur tieghu Dr Martha Mifsud u l-intepretu nominat mill-Qorti Nazmi Houtu. F'din l-istess seduta l-Qorti tal-Magistrati kienet wissiet lill-akkuzat dwar il-konsegwenzi ta' din l-ammissjoni fejn gie spjegat lilu kull akkuza addebitata lilu u l-piena ravvizata b'tali akkuzi u senjatament tal-fatt li tali akkuzi jgorru ppiena ta ghomor il-habs. Cioonnostante l-akkuzat insista li jirregistra l-ammissjoni tieghu.

Issa fit-termini tal-gurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati taghna, meta jkun hemm ammissjoni dan ifisser illi min jammetti jkun qieghed jassumi r-responsabilita` tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal ghaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati ohra ma jidhlux f'ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw x'piena ghandhom jinfliggu izda li hu zgur hu li meta Qorti tkun rinfaccjata b'ammissjoni hemm certu fatturi li ghandha tqis qabel ma timponi piena adegwata u ghalhekk ghandha tifli l-process u tara l-provi kollha li gew imresqa quddiemha.

Fir-rigward ta' ammissjoni din il-Qorti taghmel referenza ghad-digriet moghti minn din il-Qorti diversament preseduta, fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta Malta vs Nicholas Azzopardi**[1] fejn gie ritenut li in vista ta' l-ammissjoni ta' l-akkuzat, ikun opportun Ii din il-Qorti taghmel xi osservazzjonijiet ta' natura generali dwar il-piena meta akkuzat jammetti l-akkuza migjuba kontra tieghu. Ma hemmx dubbju li bhala regola generali, meta akkuzat jammetti I-akkuza hu ghandu jibbenefika minn xi riduzzjoni fil-piena. Jinghad "bhala regola generali", ghax jista' jkun hemm cirkostanzi li jkunu jindikaw li tali riduzzjoni m'ghandiex tapplika f'dak il-kaz partikolari. Wiehed naturalment ma jistax jelenka l-kaziet li c-cirkostanzi kollha fejn riduzzjoni fil-piena tkun jew ma tkunx indikata, U dana peress li kull kaz ikollu l-fattispeci partikolari

[1] Digriet moghti mill-Qorti Kriminali fl-24 ta Frar 1997 Aft ta Akkuza 19/96

tieghu. Pero' wiehed jista' jaccenna ghal certi linji ta' gwida. Fl-edizzjoni ta' 1991 ta' Blackstone's Criminal Practice (Blackstone Press Limited), hemm elenkati xi whud mic-cirkostanzi illi qrati Inglizi jiehdu in konsiderazzjoni ghall-finijiet ta' riduzzjoni o meno tal-piena f'kaz ta' ammissjoni:

*'The extent of the appropriate "discount" has never been fixed, but seems to vary between one fifth and one-third. In determining the extent of the discount, the court may have regard to the strength of the case against the offender (Davis (1980) 2Cr App R (S) 168). Where an offender has been caught red-handed and a guilty plea is inevitable, any discount may be reduced or lost (Morris (1988) 10Cr App R (S) 216). Occasionally the discount may be refused or reduced for other reasons, such as where the protection of the public requires it (McLough/in (1979) 1 Cr App R (5) 298; Stabler (1984)6 Cr App R (S) 129) or where the accused has delayed his plea in an attempt to secure a tactical advantage (Hollingron (1985) 82 Cr App R (5) 281).*

*Similarly, some or all of the discount may be lost where the offender pleads guilty but adduces a version of facts at odds with that put forward by the prosecution requiring the court to conduct an inquiry into the facts (Newton (1982) 77 Cr App R 13) (pam E1.l3. pagna 1557).*

Din il-Qorti, kif preseduta, taqbel ma dawn l-osservazzjonijiet u linji generali. Cirkostanza ohra li, bhala regola, ghandha tittiehed in konsiderazzjoni fil-ghoti tal-piena f'kaz ta' ammissjoni hi jekk dik l-ammissjoni tkunx effettivament ghenet biex il-kaz jigi deciz kemm jista' jkun malajr u minghjar spejjez inutili ghall-errarju pubbliku. Fil-fatt l-Imhallef f'dik is-sentenza jghid hekk ghax *'din il-Qorti hi parikolarment preokkupata mhux tant bin numru ta' kaziet pendenti quddiemha, daqs kemm bin-numru ta' eccezzjonijiet preliminari li qed jigu sollevati li hafna minnhom huma biss ta' natura dilatorja jekk mhux addirittura frivola. Hafna drabi, bhal f'dan il-kaz, persuna tiddeciedi li tammetti biss fl-ahhar minuta, wara li jkunu digs saru hafna spejjez bhalma huma l-kopji tal-process li jridu jsiru u t-tahrikiet ta' xhieda u ta gurati li jknu inhargu. Meta kaz jigi skedat ghall-guri, jigifieri biex jigi kontestat, dan necessarjament jimblokka kazijiet ohra. Din il-Qorti, ghalhekk, hi tal-fehma li, ceteds padbus, ghandha taghti konsiderazzjoni partikolari ghal dik li hija l-possibilita' ta' riduzzjoni fil-piena meta akkuzat, kemm jista' jkun malajr wara li jkun irceva l-Att ta Akkuza, jinforma lir- Registratur li bi hsiebu jammetti. Naturalment akkuzat, qabel ma hekk jammetti, jista' jkun irid javvicina,*

*permezz tad-difensur tieghu, lill-prosekuzzjoni biex jesplora jekk hemmx lok ta' xi forma ta' plea bargaining, pero' dan dejjem jista' jaghmlu minghajr il-htiega li joqghod jistenna lil din ii-Qorti Ii tappunta l-kaz ghas-smiegh. Fi kilem iehor, din il-Qorti bhala regola ghandha thares favorevolment lejn il-fatt li akkuzat ma qaghadx jahli z-zmien tal-Qorti u ta' haddiehor qabel ma ammetta'.*

F'dan il-kaz partikolari, jirrizulta li l-akkuzat tressaq il-Qorti akkuzat b'serje ta' reati ta' natura serjissima fosthom htif ta' ajruplan mimli bil-passigieri u ghalhekk reati ta' terrorismu u dan nhar il-Milied, 25 ta' Dicembru 2016. Jidher li inzammu diversi seduti quddiem l-ewwel Qorti u wara li l-Qorti irceviet ir-rinviju tal-Avukat Generali datat 16 ta' Jannar 2020 fejn talab li jinstema xhud partikolari l-akkuzat irregistra ammissjoni ghall-akkuzi kollha. Ghalhekk l-akkuzat irregistra ammissjoni qabel ma inghalaq il-kaz quddiem il-Qorti tal-Magistrati u qabel ghalhekk ma inharget l-Att tal-akkuza u ghalhekk huwa minnu li gie evitat hafna spejjes pubblici kemm ghall-preparazzjoni tal-Guri kif ukoll ghac-celebrazzjoni ta dan ill-guri. Pero' il-Qorti ma tistax tieqaf hawn u dan ghaliex l-kaz huwa wiehed serju hafna fejn sahansitra uhud mill-akkuzi igibu sa ghmor il-habs fir-rigward tal-piena.

It-terroriżmu għandu karattru globali u jirrappreżenta theddida li qed tikber għad-drittijiet fundamentali, għad-demokrazija u għall-istat tad-dritt madwar id-dinja. L-attakki terroristiċi ma jiddiskriminawx. Il-vittmi tat-terroriżmu jistgħu jiġu minn kullimkien. L-attakki terroristiċi li twettqu f'dawn l-aħħar snin fl-Unjoni Ewropea u f'postijiet oħrajn madwar id-dinja kienu ksur inaċċettabbli tal-prinċipji li jirfdu s-soċjetajiet demokratiċi. Quddiem din it-theddida daqstant dejjiema, Malta hija aktar minn qatt qabel obbligata li taġixxi u tiehu azzjoni kontra t-terroriżmu u dan sabeix l-awturi ta' tali reati jigu puniti bi piena harxa sabiex tibghat messagg id-dinja li dawn it-tipi ta' reati huma orrendi u li l-pajjiz ma hux ser jittollera dawn it-tipi ta' reati taht l-ebda cirkostanzi. Malta trid turi tramite l-Qrati nsotrana li fid-dawl tat-theddidiet terroristiċi li qed jevolvu hija lesta li toffri l-massimu protezzjoni, u taghti appoġġ u assistenza għall-vittmi ta' dawn ir-reati li tal-volta jista jkollhom effetti disastruzi.

Meta wiehed iqis dak li gara f'dan il-kaz u cioe' li l-akkuzat bhala principal ra li jittajjar ajruplan fl-arja ta' Malta u dan kontra ir rieda tal-pilota u tal-passigieri li kienu abbord bil-ghan li ikun hemm intimidazzjoni serja ta' popolazzjoni fejn kien hemm il-biza li seta kien hemm diversi imwiet ta' nies innocent intortament kawza ta' dan l-att ta' hijack. F'dan l-ambitu ghalhekk ma hemmx dubbju li l-akkuzat irid jiffaccja l-piena li tirrifletti is-serjeta' ta' dawn ir-reati. Il-legislatur tant gharaf il-gravita ta' dawn ir-reati li f' uhud minnhom ipprovda piena ta' ghomor il-habs. Tant huma serji dawn l-atti terroristici li meta Malta inkorporat fiha id-Direttiva tal-EU dwar it-terrorismu intrabtet li tipprovdi firxa ta' servizzi biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet speċjali tal-vittmi tat-terroriżmu, bħal per eżempju l-aċċess immedjat għal servizzi ta' appoġġ professjonali li joffru appoġġ mediku u psikoloġiku u parir prattiku u legali.

Qabel ma l-Qorti ser tidhol u tara l-fatti tal-kaz sejra tesamina l-akkuzi u piena applikabbli ghal kul akkuza li l-akkuzat ammetta ghaliha. Dawn huma l-akkuzi relevanti

1. Atti ta' terroriżmu u attivitajiet terroristiċi skond l-artikolu 328A (1) (a) (b) (c), (2e), (3), (4) (b) (c) (i) tal-kodici Kriminali, li igib piena ta' minn seba' snin sa għomor l-ħabs.
2. Ħtif ta' ajruplani skond l-artikolu 12 (1) (a) (b) (c) (2), 15 (1) (2) (b) (c) tal-kapitolu 353 tal-ligijiet ta Malta, Att dwar is-Sigurtà fl-Avjazzjoni Ċivili li igib piena ta' seba' snin sa għomor l-ħabs.
3. Reat ta' egħmil ta' vjolenza abbord ajruplan f'titjira, skond l-artikolu 19 (1) (a) tal-kap 353 tal-ligijiet ta' Malta, Att dwar is-Sigurtà fl-Avjazzjoni Ċivili, li igib piena ta' ghomor il-habs.
4. Reati kontra is-sigurta ta ajruplani, reati dwar certi oggetti perikoluzi skond l-artikolu 25 ( 1) (b) (c), (2), (3), (4) tal-kap 405 tal-ligijiet ta' Malta, Att dwar is-sigurta fl-ajruportijiet u fl-avjazzjoni civili, li igib piena ta' multa ta'mhux iżjed minn erbat elef u sitt mija u tmienja u ħamsin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (4,658.75), jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn ħames snin jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

5. Pussess ta' armi tan-nar waqt l-għemil ta' xi reat skond l-artikolu 55 (a) (b) tal-kap 408 tal-ligijeit ta' Malta, Att dwar l-Armi, li igib piena ta' priġunerija għal mhux iżjed minn erba' snin.
6. Theddid bil-mezz ta' kitba skond l-artikolu 249 (1) (2) tal-kap 9 tal-ligijeit ta' Malta, kodici Kriminali li igib piena ta' priġunerija minn sitt xhur sa tnax-il xahar jew multa ta' mhux iżjed minn ħames telef euro (€5,000), jew dik il-priġunerija u multa flimkien:
7. Bizgha li ser tintuża vjolenza kontrihom skond l-artikolu 251B tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta, Kodici Kriminali li jgib piena ta' priġunerija għal żmien minn sena sa sentejn jew multa ta' mhux inqas minn erbat elef u sitt mija u tmienja u ħamsin euro u ħamsa usebgħin ċenteżmu (4,658.75) u mhux iżjed minn ħdax-il elf u sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu(11,646.87), jew dik il-multa u priġunerija flimkien.
8. Arrest, sekwestru ta' persuni bic-cirkostanzi aggravanti skond l-artikoli 86 u 87 tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta, kodici Kriminali li jgib piena sa ghomor habs
9. Min jieħu kontra l-liġi persuna f'pajjiż barrani jew iżommha issekwestrata skond l-artikolu 90 tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta, kodici Kriminali li jgib piena ta' ghomor il-habs.

Illi mix-xhieda li ta l-**ispettur Omar Zammit** nhar l-4 ta Jannar 2017 jirrizulta li nhar it-23 ta' Dicembru 2016 l-pulizija giet infurmata mit-Torri tal-kontroll tal- ajruport ta' Malta li kienu ircevew informazzjoni mit-Torri tal-kontroll tal- ajruport tal- Libya li kien hemm ajruplan li kien ghadu kif gie mahtuf minn xi nies u li kellu intensjoni li jinzel hawn Malta. Dan l-ajruplan kien intiz biex jghamel titjira minn Sebha lejn is-sud tal-Libya ghal Tripoli izda meta kien fl-ajru dan gie derottat b'mod illegittimu minn zewg persuni u l-akkuzat huwa wiehed minnhom. Dan l-ajruplan tal-linja Afriqiyah bir-registrazzjoni 5A0NB titjira numru AAW209 nizel l-ajrupport ta' Malta nhar il-25 ta' Dicembru , 2016 u inghata struzzjonijiet biex imur fir- *run way* numru 5 u jitfi l magni. Abbord kien hemm 111 passigiera, 6 membri tal-ekwipaggu waqt li l-pirati tal-ajru kienu tnejn. Jinghad li minnufih bdew in-negozjati bejn l-investigaturi minn naha tal-pulizija u l-kaptan tal-ajruplan. Waslu f arrangement li l-ewwel inizlu l- passigiera u dan fi gruppi ta' hamsa u ghoxrin minhabba ragunijiet ta sigurta.

Wara jitnizlu l-ekwipagg. L-ekwipagg gie mehlus u wara nizlu l-pirati u l-akkuzat kien wiehed minnhom.

Mill-investigazzjoni li ghamlet il-pulizija irrizulta li l-armi li intuzaw mill-pirati kienu repliki u li waqt it-titjira l-pirati taw ittra lic-chief officer fejn kellu miktub li "*you have to land at Rome or I will explode the plane*" Izda l-ekwipagg irnexxilu jikkonvincu lil pirati biex jinzlu Malta. L-ekwipagg kienu inkwetati hafna u raw li s-sitwazzjoni kienet tal-biza' ghaliex raw li l-pirati donnhom kellhom '*9mm pistol u hand grenade*.'

Skond ix-xhieda ta' **Papa Pasquale** l-pirati nizlu mill-ajruplan wiehed minnhom igorr pistola u l-iehor kellu file iswed li kienet tidher qisha *pineapple grenande* u dawn gew mitluba jitfghuhom ma l-art u hekk ghamlu. **Renald Galea**, Air Traffic Controller ighid li ircieva l messagg dwar il-htif tal-ajruplan mill-Control Tower tal-Libya ghall-habta tal-10.50 a.m u xi ghoxrin minuta wara nizel l-ajruplan Malta. Qal li kellhom jiehdu decizjoni li l-ajruport jinghalaq u dan dam hekk maghluq ghal xi siegha/saghtejn l-iktar. Ikkonferma li sas-1.00p.m kollox kiemn taht kontroll u l-ajruport zgur li kien miftuh mill-gdid.

Dwar dak li jikkoncerna il-passigiera l-Qorti rat ix-xhieda ta' **Mazeen Abdullah,** IT Manager mal-Afriqiyah Airlines u stqarr li meta iltaqa' mal-passigiera ftit wara li nizlu mill-ajruplan dawn dehru daqxejn ghajjnin pero' ma kien hemm problema ta' xejn, hadd ma wegga u dwar jekk kienx hemm xi hadd li kellu bzonn kura medika jghid li kien hemm mara wahda biss li kellha tarbija li bdiet tisghol u talbet ghal kura ta' tabib. Hadd pero' ma talab ghal xi ghajnuna psikologika jew psikjatrika. Qal li fil-fatt l-passigiera kollha telqu lura lejn il-Libya dakinhar stess filghaxija. Mistoqsi jekk l-passigiera kienux jafu li kien ghaddej htif tal-ajruplan jghid li sa fejn jaf hu l-passigiera bdew jahsbu li dak li kien qed jigri kien minhabba l-maltemp fl-ajru u dan jafu minhabba certu telefonati li kienu qed ighamlu l-passigiera lejn il-familjari taghhom wara li nizlu minn fuq ic-cellulari tieghu. Fil-fatt jghid li hafna mill-passgiera saru jafu b'dak li gara wara li kien illandja l-ajruplan. Dan il-fatt hu

konfermat minn **Eman Husayn Tawerghi** air hostess fuq l-ajruplan li qal li lill-passigiera ma urewhom b'xejn u qalulhom li kienu nizlin Malta minhabba l-maltemp u ma riedux jinkwetawhom.

Ix-**xhud 87008 Bombardier** ighid li kien hu flimkien ma xi membri ohra tal- Armata ;li sabu speci ta' pistol fuq is-sit meta nizel l-ajruplan . Fil-fatt jghid li kien hu li mar biex jarresta l-pirati u mistoqsi kif kien jaf min kienu l-pirati jghid li huma cedew u ghollew idejhom biex ikunu identifikati. Qal li ma kien hemm problem ta' xejn, l-ebda tip ta' resistenza .

Il-Qorti ezaminat ir-relazzjoni ta' PS 650[2] fejn rat l-armi li instabu fuq l-ajruplan li gie mahtuf u rat ukoll id-deskrizzjoni ta' tali armi moghtija minn WPDS 98 Gloria Alamango fejn stqarret li l-oggettti li gew elevati mix-xena tad-delitt kienu is-segwenti:-

- Lighter Forma ta Pistola li fuqha kien hem mil kliem 'Mod 221's Cal 9 madein Chaina M9 P Beretta' u fuq in-naha l-ohra kien hemm il-kliem 'US 9mm M9 P Beretta PB'
- Folder kulur iswed bil-bokka tal-metal
- Karozza li maghha kien hemm marbuta bicca drap hadra.
- Revolver tal-plastic b'numru 251
- Oggett bil-forma ta' grenade imdawwar b'tape tal-plastik lewn ahmar u mgezwer go karta kannella

Skond ix-xhieda moghtija mill-espert nominat mill-Qorti u cioe' **Jesmond Cassar** moghtija nhar il-5 ta' Settembru, 2017 dan wasal ghall-konkluzjoni li l-ebda wahda mid-dokumenti imsemmiha ma tista tispara xi tip ta' projettili pero' mod specjali il-pistola , ghandha ghamla ta' qies li tixbah arma tan-nar.

Ghalhekk jirizulta li in effetti sar htif ta' ajruplan b'numru kbir ta' passigiera u ekwipagg abbord u dan nhar il-25 ta' Dicembru, 2016. Jirrizulta li hadd mill-passigiera jew ekwipagg ma indarab jew sofra xi hsara psikologika jew psikjatrika u

[2] Fol. 408 Vol.2)

li kellha bzonn xi trattament. Li ma kien hemm l-ebda hsara f'xi proprjeta. Cio nonnostante pero' ir-reati akkuzati bihom l-akkuzat huma reati koroh immens u li huma abborriti mid-dinja kollha u ghalhekk din il-Qorti trid taghti messagg iebes li Malta bhala pajjiz mhix ser ikollha l-ebda hniena fuq min jaghmel dawn it-tip ta' reati. Huwa minnu li f'dan il-kaz ma kienx hemm rizultati disastruzi pero' dan l-fatt ma inaqqas xejn mis-serjeta ta' dawn l-atti teroristici. Pero' minkejja dan l-Qorti ma thossx li f'dawn ic-cirkostanzi paritkolari ghandha timponi piena ta' ghomor il-habs waqt li mill-banda l-ohra zgur li m'ghandhiex tkun laxka fl-ghoti tal-piena li ser teroga.

Biex il-Qorti tkun tista' ma tinflingix piena ta' ghomor il-habs li ma thossx li hi l-piena idoneja f'dan il-kaz partikolari trid tara jekk tistax tapplika l-artikolu 21 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta. Dan l-artikolu *per se* ma hux prekluz li jigi applikat f'dawn ir-reati naxxenti mill-Kapitolu 9, 353 u 405 tal-Ligijiet ta' Malta jekk ikun hemm ragunijiet '*specjali u straordinarji*'. Kieku l-legislatur ried li l-Qorti ma ikollhiex diskrezzjoni fl-ghoti tal-piena kien jipprovdi provvediment simili bhal dak li jezisti fil-kapitolu 480 tal-ligijiet ta' Malta.

F'dan l-Att dwar l-Armi, u cioe kapitolu 480 tal-ligijiet ta' Malta il-Qorti hija prekluza milli tapplika l-artikolu 21 ghar-reati li jinsabu elenkati f'dak l-Att u ghalhekk hija projbita li tapplika l-artikolu 21 tal-Kap 9 tal-Kodici Kriminali ghall akkuza numru hamsa (5) moghtija lill-akkuzat stante dak provdut fl-artikolu 61 tal-Kaptiolu 480 tal-ligijiet ta' Malta li jipprovdi is-segwenti:-

*"Id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Probation, u tal-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali ma jkunu japplikaw għal ebda reat kontra xi dispożizzjoni ta' dan l-Att."*

L-**artikolu 21 tal-kap 9** tal-ligijiet ta' Malta jipprovdi s-segwenti:-

*"Bla ħsara tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 492, il-qorti tista', għal raġunijiet speċjali u straordinarji li għandhom jissemmew bir-reqqa kollha fis-sentenza, tagħti dik il-piena iżgħar li, fid-diskrezzjoni tagħha, tkun tixraq, għad illi jkun hemm stabbilit l-anqas piena fl-artikolu li jsemmi dak ir-reat jew taħt id-disposizzjonijiet tal-artikolu 20, mingħajr ħsara tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 7."*

Filwaqt li l-**artikolu 492 tal-kodici Kriminali** jipprovdi s-segwenti:-

*" (1) Meta f'xi stadju qabel jiġi fformat il-ġuri l-akkużat jammetti l-ħtija tiegħu u għall-fatt li jiġi ammess mill-akkużat ikun hemm stabbilita l-piena ta' priġunerija għall-għomor, il-qorti* **tista',**[3] *minflok il-piena msemmija, tagħti l-piena ta' priġunerija għal żmien minn tmintax-il sena sa tletin sena'.*

L-**artikolu 21 tal-Kap 9** huwa car u ghandu jigi rispettat kemm fil-forma kif wkoll fis-sustanza mill-Qrati fil-ghoti tas-sentenzi taghhom. Ghandu jigi interpretat bl-aktar mod strett u l-applikazzjoni tieghu fi kliem l-istess ligi jirrikjedi:

a. ragunijiet specjali u straordinarji, u

b. li dawn r-ragunijiet specjali u straordinarji ghandhom jissemmew bir-reqqa fis-sentenza.

Dan l-artikolu qed jitkellem fil-plural u ghalhekk dan jfisser li jrid ikun hemm ragunijiet [mhux raguni wahda] li jkunu specjali, kif wkoll li dawn ghandhom ikunu straordinarji [mhux jew straordinarja] u dawn ghandhom jissemmew bir-reqqa kollha fis-sentenza [vide **Il-Pulizija v Pierre Bugeja**[4] u **Il-Pulizija v Simon Camilleri**[5] . Kif riteniet din l-istess Qorti fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Kenneth Ellul**[6] inghad li "*Illi fil-fehma ta' din il-Qorti l-applikazzjoni ta' l-artikolu 21 tal-Kodici Kriminali ma tirrikjediex sensiela interminabbli ta' ragunijiet straordinarji u specjali*". Cio nonnostante irid ikun hemm ragunijiet impellanti Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Supt. P. Abela/A. Farrugia Mamo Vs Carmel Sive Charles Zammit**[7] fejn gie rilevat fir rigward ta' meta il-Qorti ghandha tghati piena inqas mill-mimimu stabbilit mill-ligi li:- "*Kull kaz irid jigi ezaminat bir-reqqa u fuq il-meriti tieghu; ….. Wiehed irid iqis kollox: in-natura tar-reati u kif dawn effetwaw lill-vittma jew vittmi (jekk kien hemm…… u hafna u hafna affarijiet ohra li din il-Qorti ma tarax li tista' telenkahom kollha*".

[3] Enfazi ta' din l-Onorabblli Qorti.
[4] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hdax (11) ta' Dicembru, 1998
[5] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hamsa (5) ta' Jannar 1999
[6] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-tnax (12) ta' Mejju 2015.
[7] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id disgha u ghoxrin (29) ta' Lulju 2002

Jirrizulta ghalhekk li skond l-artikolu 492(1) din il-Qorti ma'hix prekluza milli tapplika l-artikolu 21 tal-Kodici Kriminali u l-legislatur pprovda parametru tal-piena li tista' tinghata flok l-ghomor u cioe' dik bejn tmitnax-il sena u tletin sena prigunerija peress illi l-akkuzat irregistra ammissjoni waqt l-andament tal-procedrui quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja u mhux wara li gie format il-guri.

Fil-kaz in desamina dak li induca lil Qorti biex tapplika l-artikolu 21 fir-rigward tal-akkuzi kollha salv il-hames (5) akkuza huma is-segwenti ragunijiet:

1. L-ammissjoni tal-akkuzat waqt l-andament tal-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja u ghalhekk gie salvat hafna spejjez ghal fondi pubblici kif ukoll gi salvat hafna hela ta' hin prezzjuz tal-Qorti.
2. Il-fatt li l-edba passigier abbord l-ajruplan ma sofra xi feriti jew li zviluppa xi problemi psikologici jew psikjatrici tant li lanqas kienu jafu li kienu soggetti ghal htif ta' ajruplan ghaliex l-ekwipagg ma qalulhomx b' dak li kien ghaddej.
3. Il-fatt li l-pirati taw ruhhom f'idejn l-awtoritajiet ftit hin wara l-inzul tal-ajruplan u li ghalhekk ma kienx hemm il-htiega ta' sieghat twal ta' negozjati.
4. Il-fatt li l-pirati ma indahlux mal-pilota fir-rigward tal-istruzzjonijiet li kien qed jinghata mill-awtorita investigattiva Maltija.
5. Il-fatt li l-armi li intuzaw ma setghu qatt jisparaw xi projettili u li abbord l-ajruplan ma kien hemm l-ebda splussiv.
6. Il-fatt li l-pirati ma kienux aggressivi mal-passigiera.

Min naha l-ohra il-Qorti tqis li dawn ir-reati huma ta' natura serja hafna u trid taghti messagg lid-dinja li hija sejra tkun harxa hafna fil-piena li ghandha terroga fir-reati ta' terrosrizmu. Minn esami tax-xhieda jirrzulta li l-akkuzat odjern kien il-mohh principali wara dan l-incident.

Ghalhekk din il-Qorti qeda tiddikjara li qed issib lill-akkuzat hati tar-reati kollha kif addebitati fil-konfront tieghu u dan kif ammessi minnu quddiem il-Qorti, u wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 86, 87, 90, 249 ( 1) (2) , 251B, 328A(1)(a)(b)(c), (2e), (3), (4)(b)(c)(i) tal-Kodici Kriminali, l-artikoli 12 (1)(a)(b)(c)(2), 15(1)(2)(b)(c), 19(1)(a) tal-Kapitolu 353 tal-ligijiet ta Malta, artikolu 25(1)(b)(c), (2), (3), (4) tal-Kap

405 tal-ligijiet ta' Malta u artikolu 55 (a)(b) tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta, u qed tikkundannah kompelssivament ghall-akkuzi kollha salv u b'eccezzjoni ghall-hames (5) akkuza ghal **tlieta u ghoxrin (23) sena prigunerija effetttiva**. Oltre dan qed tikkundannah ghal sentejn prigunerija (2) ohra fir-rigward tal-hames akkuza u b'hekk ghandu jghamel hamsa u ghxorin (25) sena priguenrija effettiva.

Qeda tordna ukoll lill-hati **Soko Moussa Shaha Ali** ihallas s-somma ta' nofs l-ispejjez involuti fil-hatra ta' esperti stante li l-Qorti giet infurmata li l-ko-akkuzat gja ammetta ghall-akkuzi u qed jistenna li jinghata sentenza ukoll u cioe nofs is-somma ta' €18,198.10, u ghalhekk ghandu ihallas is-somma ta' disa' telef u disgha u disghin euro u hames centezmi euro (€9,099.05) rapprezentanti nofs l-ispejjez tal-perizji inkorsi f'dan il-process u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali.

Jekk l-ispejjez tal-perizja ma jithallsux fi zmien sena mid-data tas-sentenza jigu konvertiti f'terminu ta' prigunerija skont il-ligi.

Tordna ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat.
Tordna notifika lid-Direttur tal-Qorti Kriminali u dan sabiex jiehu hseib jigbor il-il-hlas ta l-ispejjez li l-akkzuat gie kkundannat ihallas.

Consuelo Scerri Herrera
Imhallef